ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023

Talba Nru: CCT47/23/DS

Carmel Callus

Vs

Alfur Ltd. – Godwin Friggieri

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata jinbidlu partijiet mill-kċina illi kellhom xi forma ta' difett jew problema u li wara li provaw jitrangaw l-istess difett jew problema ppersistiet;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ għamlet risposta fid-9 ta' Mejju, 2023 fejn inisita illi n-nuqqasijiet huma tort tal-attur għaliex għamel xi xogħlijiet fuq li għamel l-intimat; illi huwa għamel dak kollu li kien mistenni minnu skont il-liġi; xi lmenti kienu bidla fil-fehma u li finalment it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra ulterjorment illi waqt l-ewwel seduta ġie rilevat mis-soċjeta' intimata illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artiklu 1431 tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll ai termini tal-Artiklu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur sostna illi meta nxtrat l-għamara kienet soġġetta għal garanzija ta' sentejn u għaldaqstant għadha valida sa Ottubru u Diċembru, 2023 rispettivament u tagħmel referenza għall-Artiklu 82 tal-Kap. 378.

Ra li t-Tribunal kien iddeċieda illi jieħu deċiżjoni dwar il-preskrizzjoni wara li jkun sema' x-xhieda kollha.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi l-attur elenka numru ta' affarijiet illi xtaq illi jinbidlu għaliex provaw jiġu tranġati mingħajr suċċess. Huwa xehed taħt ġurament illi ma kienx qiegħed jagħmel talba għal flus. L-affarijiet imsemmija li xtaq li jinbidlu, skont ix-xhieda tiegħu kienu s-segwenti: "*l-wiċċ tal-mejda u l-kaxxa fejn qiegħda d-dishwasher u l-bieba tal-gwardarobba li qiegħda zgħira, u l-wiċċ tal-bank irid jiġi rranġat biex il-problema li hemm fil-friġġ u l-friża ma tibqgħax. Nitlob ukoll illi d-dishwasher issir b'mod illi ma toqgħodx tiċċaqlaq u tkun fissa.*"

Illi t-Tribunal jinnota illi it-talba tal-attur hija primarjament waħda sabiex issir il-bidla neċessarja ta' partijiet mill-kċina mertu ta' din il-kawża a spejjez tas-soċjeta' intimata liema talba m'hijiex primarjament *money claim*. Artiklu 20(1) tal-Kap 378 jagħti lit-Tribunal *"ġurisdizzjoni li jisma' u jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imgħax u l-ispejjeż, ma jkunx aktar minn għaxart elef euro (€10,000), u meta t-talba jkollha x'taqsam ma'... ix-xiri jew kiri"* jew *"l-għoti ta' servizzi."* Imkien ma tipprojbixxi deċiżjonijiet li jimponu ordni "*di fare*" bħal dik mitluba mill-attur.

Illi għaldaqstant il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ma tidhirx ristretta, bħalma hi tat-Talbiet Żgħar, fejn il-gurisdizzjoni permezz ta'Artikolu 3 tal-Kap. 380 hi limitata għal "*talbiet kollha ta' flus*" (fit-test Ingliz, *money claims*). F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila (21 ta' Marzu 1997)** u għaldaqstant ma jeżisti l-ebda ostakolu sabiex din it-talba tiġi kkunsidrata.

Ikkunsidra

Illi qabel jgħaddi sabiex jikkunsidra t-talba ser jgħaddi biex jiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni invokata mill-attur. Primarjament l-attur invoka l-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Kodiċi Ċivili illi jgħid:

> *"(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*
>
> *(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxefdak id-difett.*

(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2)."

Illi stante illi dan l-artikolu jissopponi l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja, it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Vella għan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Rimus Riley Limited vs Anthony Migneco u Godwin Migneco għan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Medairco Limited** deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2005 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, liema deċiżjoni ma ġietx appellata, li fiha ingħad is-segwenti u li *stante* li l-insenjament huwa wieħed propiżju għal din il-kawża t-Tribunal qiegħed jagħmlu tiegħu:

"Ovvjament, mhux mistenni li hekk kif l-oggett jiskontra hsara, il-kompratur jiddeciedi li dak hu difett u jressaq mil-ewwel l-azzjoni redibitorja. Ma hux logiku li wieħed jirritjeni li, malli x-xerrej jirriskontra xi rregolarita' fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarita' hi difett, li qed jirrendi l-apparrat minnu mixtri mhux tajjeb għal uzu mahsub, u fil-pront jistitwixxi l-azzjoni, imma jidher aktar logiku li jingħad li f'kaz simili stante l-possibilita' li si tratta, mhux ta' veru difett, imma ta' semplici rregolarita' facilment riparabli, li x-xerrej jirrikorri lill-bejjiegh, biex dan, sija pure taht il-garanzija li soltu tigi rilaxxata ma bejgh ta' attrezzi simili, jipprovdi għar-riparazzjoni. Din il-Qorti fil-kawza "Briffa vs Bianchi", decisa fl-10 ta' Dicembru, 1986, asservat li t-terminu ta' xahar jibda jghaddi mhux meta l-kompratur ikun jaf li l-oggett fih xi difett, ***izda min meta jkun jaf li l-oggett hu definitivament difettuz.*** *Min naha l-ohra, meta d-difett jibqa' kostantement jimmanifesta ruhu fl-oggett u dana ghal-perjodu twil, il-kompratur ghandu jirrealizza li l-oggett kien definitivament difettuz u ghandu jagixxi kif trid il-ligi."*

Dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmelo Xuereb vs Nazzareno Azzopardi** deċiża fil-21 ta' Ġunju, 1943 mill-Appell Kummerċjali fejn ingħad:

"Meta l-kwistjoni tkun qegħda taġġira ruħha fuq il-kwalita' tal-ħaġa mibjugħa, l-vizzju redibitorju u t-teorija relativa mhumiex applikabbli, preċiżament għaliex f'dawn il-kawżijiet , l-eżami għandu jaġġira ruħu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li għandu jagħti l-ħaga skod il-kwalita' miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgħ, u presumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-każ tal-viżżji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwistjoni fiq il-kwalita' tal-ġaga, iżda x-xerrej jippretendi illi, għalkemm l-oġġett huwa effettivament tal-kwalita' miftehma, iżda għandu go fih vizzji okkulti li jirrendih għalieh inutili."

Illi tenut kont dak hawn fuq illustrat din l-azzjoni ma tistgħax titqies la waħda redibitorja u lanqas waħda stimatorja li joħorġu t-tnejn mill-garanzija ta' vizzji okkulti, iżda azzjoni sabiex il-bejjiegħ iġib l-oġġetti in mertu f'konformita' ma dak pattwit.

Illi l-Artiklu 74 jintitola lill-konsumatur f'dawn iċ-ċirkustanzi illi jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformita' mill-bejjiegħ u dak huwa fil-fatt illi qiegħed jitlob il-konsumatur f'dan il-każ. Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformita' li timmanifesta ruħha fi żmien sentejn mill-konsenja tal-oġġett. F'dan il-każ il-konsumatur kien għadu fiż-żmien preskritt mill-liġi illi jintavola din il-kawża w'għaldaqstant l-eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata ma tinsabx pruvata.

Illi stante dan it-Tribunal ikkunsidra wkoll l-eċċezzjoni miġjuba mis-soċjeta' intimata relatata mal-Artiklu 2148(a) tal-Kap 16 pero' jħoss illi f'dan l-istadju din il-pużizzjoni hija mxejjna minn dak li ntqal u ġie kkunsidrat qabel u m'għandux għalfejn jelabora fuqha.

Illi finalment it-Tribunal jagħmel referenza għall-ħtieġa ta' notifika fi żmien xahrejn dwar in-nuqqas ta' konformita' biex ikun jista' jibbenefika mir-rimedji li tippostula l-liġi pero' hawnhekk it-Tribunal jirrileva illi din l-eżiġenza hija waħda intiża biex tiskatta l-proċess mal-bejjiegħ w'għaldaqstant ġaladarba jidher biċ-ċar illi dan il-proċess ilu li beda għaliex il-bejjiegħ prova diġa' jirrimedja in-neċessita' illi wieħed janalizza dan ir-rekwiżit ġiet sorvolata;

F'dan l-istadju t-Tribunal ser jgħaddi biex jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq il-mertu.

Ikkunsidra fuq il-mertu

Illi dan it-Tribunal wara li semgħa l-partijet u ra l-evidenza prodotta m'għandux dubju illi l-oġġetti illi fuqhom l-attur isostni illi għad hemm problema fil-fatt jirriżultaw. Jidher ukoll ċar illi kien hemm tentattivi varji sabiex wieħed jipprova jirrimedja billi jsewwi l-oġġetti elenkati pero' dan ma tax frott.

It-Tribunal ma tħossx illi t-teżi tas-soċjeta' intimata illi l-bibien illi hemm problema dwarhom qiegħdin hekk frott tal-intervent illi għamel l-attur fuq l-ixkafef tal-*gypsum* għaliex ma jagħmel l-ebda sens loġiku illi l-bibien illi huma eqreb lejn l-ixkafef ma jirriskontrawx problemi mentri dawk aktar il-bogħod jirriskontraaw problemi fl-imsemmija ċirkustanzi.

It-Tribunal finalment ma huwa bl-ebda mod konvint illi l-verzjoni tiegħu dwar l-extendable table u kif din spiċċat waħda fissa għandhom mis-sewwa. Għaldaqsant u galadarba jidher ċar illi din il-mejda ma kienetx tal-kwalita' pattwita u interventi fuqha mhux biss ma tawx riżultata pożittiv iżda l-idea ta' flessibilita' abbinata ma din

it-tip ta' mejda ġiet kompletament distrutta meta l-bejjiegħ bidilha f'waħda fissa w'għaldaqstant għandha tinbidel kompletament. Il-bejjiegħ għandu jassikura lill-konsumatur illi din il-mejda jkollha vina taqbel meta ż-żewġ trufijiet tal-mejda jerġgħu jingħaqdu flimkien meta tingħalaq il-mejda.

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidher li fadal l-ebda triq ħlief illi l-imsemmija affarijiet jiġu mibdula b'oħrajn ġodda a spejjeż tal-bejjiegħ u dan bla preġudizzju għall-bejjiegħ illi jirkupra l-ispejjeż mingħand terzi jekk iħoss illi għandu dritt jagħmel dan.

Illi tenut kont it-trapass taż-żmien dan it-Tribunal jagħmilha ċara illi dawn l-affarijiet għandhom jiġu mibdula mhux biss fi żmien raġjonevoli iżda f'l-iqsar żmien possibbli sabiex din il-kċina tibda tkun gawduta mill-konsumatur fil-kwalita' pattwita mingħajr dewmien addizzjonali. Fejn ir-rimedju huwa wieħed ta' tisħiħ (u mhux ta' bidla ta' oġġett)bħal per eżempju l-assodament tal-*unit* fejn hemm id-*dishwasher,* dawn għandhom isiru fi żmien ħmistax (15) -il ġurnata mid-data effettiva ta' din is-sentenza bi qbil ta' data meta għandu jsir ix-xoghol mal-attur.

Illi rigwardanti l-ispazju li jinsab bejn il-*microwave* u l-*Frontalino*, dan it-Tribunal jifhem illi din hija parti mid-diżinn tal-kċina pero' il-bejjiegħ għandu jara illi dan l-ispazju ikun aġġustat ftit sabiex l-ispazju jkun kollu l-istess sabiex jidher pulit.

Deċiżjoni

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, wara li ra l-Kap 16 u l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta jaqta' u jiddeċiedi illi jiċħad l-eċċeżżjoni ta' preskrizzjoni magħmula mis-soċjeta' attriċi; u

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti hekk kif hawn fuq spjegat u tħallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżalu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.
Arbitru